MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1518/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Etienne Falzon**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm773.27c (seba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, kif ukoll ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 66, Triq il-Pellegrinagg, Bormla, ghall-perjodu 2 ta' Dicembru, 1998 sal-1 ta' Jannar, 2000 skond il-kont numru 1000000363 u d-dokument anness ma' l-Avviz u mmarkat WSC1.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50c (hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu) spejjez ta' l-ittra ufficjali tat-8 t'April, 2003 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------